# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

JEKK MA THOBBX ILSIEN ARTEK
ILSIEN MIN THOBB?....

**It-Tielet Sena** **Lulju 1933** **No. 29**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

LULJU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 29

## KLIEM ĠDID FIL-MALTI

Fl-aħħar ħarġa ta' dan il-qari tkellimna fuq il-ħtieġa li jidħol fil-Malti kliem ġdid, ta' nisel Malti, li jagħni u jkabbar il-lsien tagħna u jħaffef u jsebbaħ il-kitba. Iżda biex niftiehmu aħjar u nneħħu minn moħħ kull wieħed xi ħsieb mgħawweġ, li għandu mnejn jinbet u jikber biex ifixkel xogħolna, nżidu l-lum kelma oħra biex infissru aktar fit-tul il-ħsieb tagħna.

L-ilsna kollha bdew bi ftit kliem, iżda kibru biż-żmien daqs kemm kibret il-ħajja tal-bniedem bil-ħteġiet tagħha kollha. Għal kull ma kien jara u għal kull ma kien iħoss il-bniedem ried kelma biex jiftiehem. Aktar kibret il-ħtieġa ta' kliem meta l-bniedem ried ifisser bil-kitba l-ħsebijiet tiegħu. U għal kull għamla ġdida u għal kull lewn ġdid li jieħu ħsiebu, ried kliem ġdid jew għamliet ġodda ta' kliem li għandu biex ifisser ħsiebu bit-tbiddil u bit-tlewwin tiegħu kollu. Inġibu eżempju: Il-ħsieb *qtil* jista' jieħu dawn l-għamliet: *qtil* ta' wieħed, ta' ħafna, ta' tnejn bejniethom; wieħed li ħaqqu l-*qtil*, wieħed ħâti ta' *qtil*. Minn dawn il-għamliet ta' ħsieb wieħed tnisslu dawn il-għamliet ta' kelma waħda: *qatel*, *qattel*, *nqatel*, *tqâtel*, *qattiel*, *qatla*, *maqtul*. Fuq dan it-tiswir ta' kliem jissawwar kliem ieħor skond il-għamla li jieħu l-ħsieb f'moħħ il-kittieb. Hekk ukoll f'ilsna oħra. Nieħdu l-latin. Iż-żjieda *bilis* mehmuża f'tarf ta' kelma tati lewn wieħed lil ħsieb, mela meta rridu natu dak il-lewn lil ħsebijiet oħra ma għandniex x'nagħmlu ħlief nehimżu dik iż-żjieda ma' kliem ieħor. Hekk tnisslet kotra ta' aġġettivi biż-żjieda *bilis* fit-tarf, li fit-taljan saret *bile*, u fl-ingliż u fil-franċiż *ble*. U x'tiswa għall-kitba dil-qatgħa ta' aġġettivi jaf kull min qatt kiteb xi ħaġa b'dawn l-ilsna. Iżjed: fit-taljan ħafna verbi jispiċċaw b'*are*; mela żid *are* ma' kliem ieħor u toħroġ verbi ġodda kemm trid,

hekk minn *certior* (bil-latin) għamlu *cerziorare*; minn *ispezione*, *ispezionare*; minn *scrittura*, *scritturare*, u mijiet oħra. U kliem bħal dan, li jinsab fl-ilsna kollha, ħadd ma jistmellu, ħadd ma jbarrih mill-kitba, għax hu mnissel b'dik is-saħħa li għandu fih in-nifsu kull lsien ħajj, u mhux miżjud, imdeffes u mrabbat, tajjeb jew ħażin, bħal warda marbuta ma' siġra, li wara ftit tidbiel, tinxef u tfarfar għax ma tistax tgħix bil-ħajja ta' dik is-siġra.

Din hi l-ħajja tal-ilsna kollha u din hi l-ħajja tal-Malti wkoll. Jekk l-ilsna kollha jikbru billi jnisslu kliem minn kliem ieħor li għandhom, il-Malti wkoll għandu jikber billi jnissel kliem ġdid mill-kliem li għandu. Din hi liġi tal-ħajja li l-bniedem ma għandux jedd iħassarha anqas ibiddilha. Qatt l-ebda kittieb barrani ma mar ifittex u jistaqsi jekk xi kelma tinsab jew le fil-lsien tiegħu; għalih biżżejjed li dik il-kelma hi msawwra bħal kliem ieħor; hi kelma ħajja mwielda minn kelma oħra ħajja biex iżżid, tkabbar u torqom dik il-ġemgħa ta' kliem li tagħmel lsien. Mela ħadd ma jkemmex xuftejh jekk aħna, bħal kittieba barranin, indaħħlu fil-Malti kliem ġdid, li - ħadd ma jgħidu u ħadd s'issa għadu ma kitbu. Iżda biex dal-kliem igħix bil-ħajja tal-Malti jaħtieġ, bħal ma għidna, li jitnissel bis-saħħa tal-Malti n-nifsu, jiġifieri, li jissawwar bħalma hu msawwar kliem ieħor li jfisser l-istess lewn ta' ħsieb. Kliem li jissawwar xorta oħra ma għandniex indaħħluh fil-Malti, għax ikun bħal ħaġa mejta li, flok ma ssebbaħ, tħassar il-bixra tal-Malti u tfixkel il-kitba.

[Fil-faċċ. 71 nuru kif jista' jitnissel kliem ġdid Malti.]

# WARD MALTI

## IV.

## LIL SIDTNA MARIJA TAL-KARMNU

Fuq għolja nadifa, xemxija,
li tilħaq mal-ikħal tas-sħab,
qalb ġonna bid-dwieli miksija,
il-WARDA TAL-HENA tinsab
b'koll barka mimlija,
Marija.

Li kelli mill-ħrara t'Elija,
li kelli l-imħabba ta' Xmun,
kont nifhem, hekk ruħi mogħnija,
is-setgħa ta' driegħek xi tkun,
o Xemx tal-qdusija,
Marija !

Kont nifhem kif, ħielsa mill-ħtija,
qatt Lilek ma tiefes id-dnub;
kif sħiħa żammejt ix-xbubija
u tnissel Fik Iben maħbub,
o Ġmiel tal-Lhudija,
Marija !

Kif qabel l-imħabbra tislija
li ġieblek mis-Sema Grabèl,
kien ilu ġa snin disa' mija
li lemħek ix-Xiħ tal-*Karm-El*, *
o Tama mogħtija,
Marija !

Kif Alla, Mulej tal-Kburija;
li d-dinja ma tesgħu w imkien,
minn fommok ried jisma' *Ikun fija*
u f'ġufek ingħalaq għaż-żmien,
o Ġieħ tal-mifdija,
Marija !

---

* L-isem tal-muntanja *Karmel* (*Monte Carmelo*) ġejj minn żewġ kelmiet lhudin, *Karm* u *El*, jiġifieri *Ġnien* u *Alla*: u hekk il-kelma *Karmel* tiġi tfisser *il-Ġnien t'Alla*. Ġ.M.A.

Kif nifhem ! Kif nifhem ! Mitfija,
bħal xemgħa milquta b'riħ kbir,
inħossha quddiemek id-dija
li ruħi taf trodd għat-tifħir,
o Għajn tas-sbuħija,
Marija !
Mid-dalma tal-ljieli waħxija
arfagħni bil-ġwienaħ tal-ħsieb,
biex nifhem kif rak Isaija,
kif xandrek Elija lir-Rhieb,
o Kewkba bikrija,
Marija !
U, hemm, fuq il-għolja kennija,
tallagħni, wassalni sa ħdejk,
biex nara bħal xita qawwija
il-grazzi jissawbu mn'idejk,
o Sħaba mgħobbija,
Marija !

Is-16 ta' Lulju, 1912. Ġ. MUSCAT-AZZOPARDI.

# IL-ĠIRIEN TIEGĦI

Kien nofs-ta'-nhar mitfi, bla ħajja tax-xahar ta' Mejju. Issema miksi kollu bi sħab irmiedi, l-arja tqila ftit sħuna, riħ isfel li jmarrad : kollox ħiemed, donnha l-ħajja waqfet. Bilktieb miftuħ quddiemi kont aktar inħares lejh milli naqra. Ħassejt rasi tqila, ma flaħtx iżjed, għalaqt il-ktieb u qomt nimxi mal-kamra. Xrift fit-tieqa, minkbejja fuq il-ħoġor u rasi mgħaddsa. Ġieni f'rasi li nikteb xi ħaġa bil-Malti. Fuqiex ? Dak il-ħin ma stajtx naħseb ħlief fuq il-ġirien, għax, koss, għandna ġiren ta' kull qatgħa u ta' kull għamla. Min sa jeħel ma' rasi ? Il-griegi ! Kienu raġel u martu, li ilhom xi xahar joqogħdu ħdejna, jidgħu dagħa jfarrak il-ġebel; minn fil-għodu sa fil-għaxija waħda wara l-oħra u għalxejn b'xejn. Anqas biss ma rrid naħseb fihom !

Nikteb fuq Biċe ! Xbejba minn ta' daż-żmien, xagħarha maqtugħ u liebsa mqaċċat, ħelwa għasel mal-barranin u morra tengħuta man-nies tad-dar. Ma tismagħhiex ħlief tgħajjat u twerżaq, donnha mxajtna, tħabbat u ssabbat il-bwieb, ħadd ma jista' jkellimha ; iżda malli toħroġ mill-bieb il-barra xoftejha

jitbexxqu fi tbissima ħelwa li ma tintefiex ħlief xħin tarġa' tirfes l-għatba tad-dar. Biex inkun għidt kollox, nistqarr li darba ħbatt inħares lejha jiena wkoll, għax kont għadni ma nafx min hi, iżda malli sirt naf li hi l-ġâra tagħna, ma ħaristx aktar lejha. Aktar minn daqshekk ma nistâx nikteb fuqha. Jiftħu għajnejhom iż-żgħażagħ, u ma jħallux it-tlellix tax-xebbiet jagħmihom!

Tgħid nikteb fuq is-Sur Masu? Dur, dur ma sibtx x'nikteb fuqu ħlief li hu jimxi dejjem kif jonfoħ ir-riħ. Ma jafx jaħseb b'rasu, jew ma għandux ħila juri dak li jaħseb. Dak li l-lum igħidlu abjad, għax riħ fuq, għada jgħidlu iswed, jekk idur riħ isfel. Qatt ma kellimtu, għax ma fihx mhiex titkellem.

Domt aktar minn nofs siegħa b'rasi mgħaddsa naħseb u nhammem fuqiex u fuq min sa nikteb. Fl-aħħar donni stenbaħt minn nagħsa, irfajt rasi, tajt daqqa b'idi fuq moħħi u għidt: Fuqha nikteb!

U fuqha sa nikteb mhux biex nikxef xi ħaġa mistura, li ma għandhiex tkun magħrufa, iżda bil-ħsieb li nkun ta' ġid għal min hu marid bil-marda tagħha. Mela s-sinjura Karm (li sa nikteb fuqha) kienet armla ta' fuq il-ħamsa u ħamsin sena, toqgħod bitħa ma' bitħa magħna. Hi u ommi kien ilhom ħbieb tal-qalb minn qabel ma żżewġu. Dejjem nafha toqgħod ħdejna u niftakar fil-kagħak tal-għasel abjad, li kienet tatini meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel. Kull nhar ta' Ħadd fil-għaxija, l-aktar fix-xitwa, konna mmorru għandha jew tiġi għandna u erħilna nilagħbu u nidħku u hi tgħidilna xi praspura ta' tfulitha. Ma għandix xi ngħid fuq is-sinjura Karm minn daqshekk: minn tagħna kemm trid, mara tal-qalb u mara tal-knisja. Iżda, jaħasra, hi wkoll kienet minn ulied Adam u għalhekk kellha hi wkoll xi żelluma x'issewwi. Kellha f'rasha li jekk ma tkunx taf bit-taljan u bl-ingliż, fid-dinja m'inti xejn; u l-imsejkna ma kenitx taf ħlief dak li kienu jgħallmu fl-iskejjel tal-Gvern ta' żmienha, u xi kelma oħra mgħawwġa li tgħallmet minn hemm 'l hawn. Kienet taf tgħid: *Come stati? Non ce mali. Chi va pianu viva sanu. Gud mornin. Veri well. Orrajt.* Aktar minn hekk ma kenitx twassal. Għall-knisja kellha ktejjeb bit-taljan, b'qoxra sewda tleqq u bix-xifer mdieheb. Il-*paternoster* u l-*avemaria* u s-*Salve regina* kienet tgħidhom bil-latin, kif taf hi, ma għandniex xi ngħidu. Sa hawnhekk ma għandix xi ngħid fiha. Mhux kullħadd jista' jitgħallem it-taljan, l-ingliż jew ilsna oħra. Iżda l-imbierka ta' mara biex turi kemm tassew taf b'dawn l-ilsna kienet dejjem tmaqdar il-Malti. Kont ta' sikwit tismagħha tgħid: Dal Malti jdardarni; ma nistax għalih: baxx wisq, *molto bassu*; u kliem ieħor bħal dan.

Mela xi xahrejn ilu ġiet ghandna bħal dari. Kienet ix-xita u jiena bqajt id-dar. Qgħadna nitħaddtu, ix-xita ttektek u l-ħin għaddej. Fl-aħħar faqqgħet. Is-sinjura Karm qalet: "Li

ma kienx dat-temp kont immur l-Università nisma l-kunferenza. Qalu li ġie professur minn barra u dalwaqt jarġa' jsiefer".

Kont sa ninfexx nidħak, u kien ikun aħjar, imma għidtilha: "U mur ara bħalek x'kont sa tifhem; tmur biex tara l-istampi, bħalma jagħmlu xi wħud oħra, u tisraq post ta' min jista' jifhem..." "U mela bil-Malti tiegħek tridni nifhem?" weġbitni ftit sħajna, "il-Malti għan-nies baxxi u mhux għall-persuni edukati. Ibni, jekk trid tkun stmat, isma' minni u l-Malti ma għandekx xi tridu. Tkellem, ikteb bl-ingliż, bit-taljan, biex trid, imma mhux bil-Malti, għax il-Malti javvelik".

"Mela int għax qiegħda titkellem bil-Malti? Għax ma titkellemx bl-ingliż jew bit-taljan?" għidtilha jien b'nofs daħka.

"U iva! għax bejnietna, bil-kunfidenza; biex ma tgħidux li jien kiesħa u prusuntusa. Imma barra mid-dar," issoktat tgħid, "naf inġib ruħi xort'oħra. Ara, prietka bil-Malti qatt ma nismagħha, imma fejn ikun hemm prietka jew kunferenza bit-taljan jew bl-ingliż, arani minn ta' quddiem nett, l-ewwel waħda."

"Da żgur" għidtilha, "biex is-saħħan issiġġu u tongħos bla ma tifhem saħta".

"Mela ma nifhemx?" qabżet hi, "u kif jista' jkun li ma tifhemx meta tara l-qassis jagħmel dawk il-ġesti! Inbagħad, għal ġieħna, int tifel tal-iskola, imissek taf li l-Malti u t-taljan ħaġa waħda".

"Ħa...ħa...ħaj! din isbaħ mill-oħra! Mela l-Malti u t-Taljan huma ħaġa waħda?"

"U mela le, ibni?"

"Imma l-Malti huwa baxx u ikrah, hux tassew?" għidtilha jien.

"Kemm jista' jkun!"

"U ma tistħix int," żidt ingħidilha, "issieħeb it-taljan ma' lsien baxx u ikrah bħalma hu l-Malti?"

Ma kenitx kelma. Ommi ġebbditni u jien ma tkellimtx iżjed. Is-sinjura Karm ħmâret, infixlet, ma għarfetx tgħid kelma oħra; laqalqet xi ħaġa minn taħt ilsien u ħarġet mismuta lejn darha. Ommi wasslitha sal-bieb, u biex tbiġġel ftit il-biċċa, qaltilha: "Tieħux għalih! Għadu tfal. Il-kliem ma jqisux." M'ommi baqgħet ħabiba bħal qabel, iżda miegħi damet xi xahar merfugħa. Issa bdiet issellimli, imma qatt iżjed ma semmietli fuq Malti u mhux Malti.

U bħas-Sinjura Karm ħawn oħrajn. Jalla ma hawnx wisq. Jaħasra, ma jridux jifhmuha. Ħadd ma jindaħlilhom fil-ġibdiet ta' qalbhom lejn dan jew dak l-ilsien. Jien nixtieq li kull wieħed ikun jaf kemm ilsna jista' jitgħallem. Imma ma naħmelx li wieħed imaqdar ilsien artu, l-aktar meta ma jafx ħliefu.

Ġużè Diacono.

# TISWIR TA' KLIEM ĠDID

## I. VERBI

Fil-Malti għandna għadd kbir ta' verbi mnisslin minn nomi. Dawn għandhom kollha għamla waħda, jiġifieri, jtennu t-tieni konsonanti, hekk: *xemmex* minn *xemx*, *ġenneb* minn *ġenb*, *terraq* minn *triq*, *sebbaħ* minn *sabiħ*. Fuq din l-għamla ta' verbi nistgħu nsawwru ħafna verbi oħra. Semmejna f'*Leħen il-Malti* ta' Ġunju l-verbi *bellet* minn *belt*, *waqqat* minn *waqt*, *leħħen* minn *leħen*. Insemmu wkoll, u daħlu fil-kitba, *lissen* minn *lsien*, *waħħad* minn *wieħed*.

Ma' dawn inżidu:

*Demmem* minn *demm*. Nistgħu ngħidu: *Ġisem imdemmem*=ġisem kollu dmija. *Ġerħa ddemmem*=ġerħa ħiereġ id-demm minnha.

*Taħħat* minn *taħt*. Nistgħu ngħidu: *Ittaħħat lil min hu akbar minnek* = oqgħod taħt min hu akbar minnek. *L-imgkallem taħħat il-ħaddiema kollha lil Wenzu*=qegħidhom taħt idejn Wenzu.

*Saffel* minn *isfel*. Nistgħu ngħidu: *Aħjar tissaffel milli titgħolla*=aħjar toqgħod l-isfel milli toqgħod fil-għoli. *La ssaffel il-ħadd biex ma jsafflux lilek*=la tbaxxi l-ħadd biex ma jbaxxux lilek. U nistgħu nagħmlu ukoll l-aġġettiv *siefel* li jfisser *wieħed ta' kundizzjoni baxxa*.

*Biehem* (flok *behhem*) minn *bhima*. Nistgħu ngħidu: *Il-bniedem bla reliġjon jitbiehem*=isir bħal bhima. *Is-sokor ibiehem il-bniedem*=jagħmlu bħal bhima.

*Qaddem* minn *quddiem*. Nistgħu ngħidu: *La titqaddemx minn rajk ħalli li jqaddmek ħaddieħor*=la toqgħodx quddiem minn rajk, ħalli li ħaddieħor iqiegħdek quddiem. *Ġanni qaddimli erba' larinġiet ħelwin*=ġiebli quddiemi; ippresentâli. Minn dal-verb nistgħu noħorġu l-kelma *mqaddma* li tfisser dik il-kitba li titqiegħed quddiem, fil-bidu ta' kull ktieb u li f'ilsna oħra igħidulha: *præfatio*, *prefazione*, *preface*, *foreword*, *avant-propos*, *vorwort*, li jfissru kollha *il-kelma ta' quddiem*.

Dawn huma ftit verbi ġodda mnisslin fuq verbi oħra minn kliem li għandna. Fuq il-mera tagħhom nistgħu nnisslu verbi oħra u ndaħħluhom fil-kitba. B'hekk il-lsien maltijikber u jikseb ħeffa kbira biex jista' jdur għal kull tifsir ta' ħsieb. Kull xahar nibqgħu natu mera ta' kliem ġdid.

P. P. SAYDON

# UĊUĦ TA' L-IMGĦODDI

*Lil ħabibi* C. M. B. *b'tifkira ta' l-imgħoddi misrur f'rokna ta' qlubna t-tnejn.*

Fis-smewwiet rwiefen għaddejja wis-silġ jaħbat dlonk mat-tieqa;
riħ ivenven b'għajta kiefra, fix-xquq tisma' bħal twerżiqa.
Kien il-ħin ta'lejla riesqa fuq il-belt f'xitwa qalila
mita jidlam f'daqqa u f'daqqa jiksaħ l-ajru wis-sahra twila.
Qegħdin f'daħna mdawra b'dija ta' dawl qawwi wċuħ daħkana;
min fuq mejda jixrob, jaqra; min ħosbien f'qalbu jistagħna
bil-ħlewwiet ta' daqq...il-ħsejjes għal-għarrieda jisktu; għajjiena
toħroġ tiġri n-nies mill-ħwienet, imlefilfa u magħhom jiena.
Mal-widien ta' l-ilma jfawru, taqsam it-triqat mudlama
xbihat suwed b'rashom mgħaddsa, bil-waħdiet miexja fil-għama...
min imrekken mal-ħajt jaħrab it-taqtir ta' sħab waħxija;
min ma' leħħa dawl u ħsejjes, igħaġġel jofroq il-mogħdija.
Għaddew fl-ilma jkaxkru r-roti, wi nbagħad bħal tal-gawwi l-għajta
mat-tqawqib ta' żwiemel igħaġġlu tidwi l-bogħ'd f'widnejja smajtha.
Jien għaġġilt ukoll għal dari gô kapott imgeżwer sewwa.
L-aħħar char-à-banc għar-raħal wieqaf kien u bin-nies ġewwa
u bħal dan weqfin tliet'oħra, b'par għajnejn bid-dawl iħeġġu
taħt il-ħajt tat-Torri qishom għadhom ħluq tan-nar ifeġġu
quddiem wita collha ħemda fejn iż-żmien għalihom fetaħ,
difen swar u ħotob wetta, għaqqad belt ma' belt fil-beraħ,
bid-dwal kiebja tal-mogħdija illi donnhom ta' kull lejla
il-lum juru fuk l-imgħoddi din id-dinja ġdida... immejla!

..................................................................

..................................................................

Konna ftit u siekta hemm ġewwa, siekta dieħla n-nies li ġejja;
bla ma jsellmu jfittxu rokna...bniedma bl-iswed qagħdet ħdejja.

..................................................................

Weqfin għadna, kulħadd sieket...fuq iż-żgieġ tħoss it-taqtira;
fil-gandott tat-trîq ibaqbaq, l-ilma nieżel tal-għadira....
Mat-tvenvin ta' rota mħaddma, iċċaqalqet it-tagħbija,
titlaq b'għajta u tiftaħ f'daqqa f'baħar dawl swied il-mogħdija.
Għaddejjin mit-twieqi jiġru port u siġar f'sema mdennes,
xagħriet, marsa, knisja, għelieqi, wied bid-dawl tal-għorfa mwennes.....

Hemm min qabdu n-ngħas fir-rokna, min b'gazzetta f'idu jaqra,
min b'idejh marbuta donnu fuq il-mewġ tal-ħsieb fis-sakra.
Qajjimt rasi, rajt il-wiċċha. Kienet qiegħda fejni sewwa:
wiċċ li nafu minn żgħożiti, moħbi kien fil-qalb sa ġewwa.
Dak il-wiċċ kemm tbiddel mindu xtiewi għaddew fuq rasna
t-tnejn,
mal-wardiet, mal-qroll, id-dija kif intfiet ta' dawk l-għajnejn?
Taħt ħuġbejha sħaba sewda l-għodwa dalmet ta' xbubitha.
Kif minn ġmielha ż-żmien win-niket għamlu fukha dit-tħar-
bita!
U qgħadt nisma' l-ġrajja tagħha....kienet tibda din il-ġrajja
sew minn mita 'l din il-bniedma tlift go' trîq ta' din il-ħajja.
U niftakar l-ewwel darba berqa rajtha tfeġġ mit-tieqa,
ħamra nar, għammxitli għajnejha, nisslet fija ferħ u dîqa.
Għaddew snin bħal kewkba tiġri, kollha xniexel, kollha bluha;
dehret darba daħkanija, ittir f'għama ta' kull fruħa,
u min ħdan għal ieħor taħrab, qisha tajra minn ġo gaġġa
fost il-ħbieb tal-lum u dari, ta' ġwinħajha l-mixja traġġa'......
Fuq kull wiċċ li taħbat miegħu tmur il-qalb idduq l-Imħabba
bħal farfett minn warda għal oħra, iżda katt ma tħossha
mxabba';
iżda xorbot kemm-il-demgħa wil-fomm ħareġ kemm-il-karba;
iżda mħabbta minn mewġ kiefer rat il-għarqa kemm-il-darba.
Wiċċ ħanin mixgħul bi ħrara safja dawwar għajnejh fuqha,
u fil-Għaqda Mqaddsa tagħhom, hena u sliem, mill-qalb misruqa
għal żmien twil, bil-fewġiet tagħhom lilhom ġabru f'dar kennija,
fejn l-Imħabba nfdiet u għammret bogħod mid-dwejjaq ta'
kull ħtija.

..........................................................................

Iżda d-dell tal-Mewt li daħlet għal għarrieda darba waħda
xeħet fuqha ħsara kbira, minn kull faraġ żammha mċaħħda...
Ah! l-Mewt kiefra li firditha mill-ħanin sieħeb tal-Ħajja
bl-istar iswed ta' l-imnikkta għalqitilha din il-ġrajja.......

..........................................................................

..........................................................................

Bqajna siekta t-tnejn u b'rasna mgħaddsa t-tnejn fil-ħsieb
tal-bieraħ,
ta' degħbien fuq ġewnaħ qisna għaddejjin f'lejl waħxi u qieraħ:
niġru dejjem, niġru dejjem, bejn ħitan ta' djar, egħlieqi
fuq iż-żlieġa ta' trîq watja b'xaqq ta' dawl ħiereġ mit-twieqi.
F'dak is-skiet bil-ħsieb imbiegħed jiġri dlonk jeħodni nara
tal-imgħoddi wċuh għeżieza ħdejn dal-wiċċ ħassejt il-ħrara.
Għaddejjin quddiem għajnejja jiena lmaħt uċuh frugħiti:
għajnejn sbieħ, xuftejn il-għasel; kienu l-għaxqa ta' żgħożiti.
Kienet ħolma lewn is-sema mita jisbaħ b'fomm il-warda,
mita jżewwaq f'dalma u qalbna tax-xewqat il-ħlewwa tarda'.

Ħbieb għeżież tal-ġenn ta' moħħi magħkom kont għaddejt il-ljieli
sa ma sebaħ f'thewdin agħma b'dawl imħabbti se'jintfieli.....
U fil-ġenn ta' dik il-ħajja fejn il-jum fid-daħk għalija
wil-lejl kienu f'bews tal-hena bla mistrieħ dejjem moħlija,
jiena wqaft u bi ħsieb sieket rajt uċuħ nexfin musfara
b'mard li jbazza'(1) u fuq xuftejhom il-Mewt ġejja mal-ħurħara....
Ħassejt f'qalbi l-kesħa, ir-rogħda; dawwart wiċċi u b'daħka safja
l-hemm, il-biki, l-waħx nessietni f'tarf il-għalqa xbejħa ħafja...
u nissietni lejl u xita, dlam imniffed minn xi berqa
mita s-siġar ta' dil-ħajja ħabtu jinżgħu minn kull werqa
mita fl-għorfa(2) dħalt minn bieba tal-egħlieqi u mxejt għassodda
tal-mixħuta l-waqt li ruħha kienet qiegħda l-Sidha troddha.
Bil-musbieħ f'dejha x-xwejħa ġiet turini t-trîq u l-għatba:
kien il-bard, iċ-ċirċ wid-dalma, f'rokna tixgħel l-aħħar ħatba...
Għadni nħoss f'widnejja l-għajta ta'klieb tidwi l-b'għod u magħha
maż-żaqżiq ta' ftuħ ix-xatba f'dak is-skiet għadni nismagħha.
.............................................................................................
U nissietni dawk id-dwejjaq, u reġġgħetni għal fuq mogħdija
fost il-ħdura ta' fuq għolja fejn il-qalb stejqret b'tisqija
ta' fewġiet ħelwin: jinfetħu l-għajnejn tqal ħassejt għad-dija...
u thennejt bil-ħxejjex niedja fiż-żerniq tal-għodwa jżeġġu,
bil-għoljiet, bil-knisja u dwejjer taħt il-ward mill-għata jfeġġu.
Iżda dlonk il-jum inkifes bi sħabiet ta' ħsara u niket;
ma tarax ħlief nies imrekkna, ferħ u daħk fi djarhom siket;
ġô triqât dojoq w imserrpa fejn ix-xemx tistaħba kmieni,
minn bieb ħierġa bl-ewwel wieħed u minn ieħor dieħla għattieni
nara l-Mewt (3) ferħana w bieżla tbattal dejjem, dejjem tgħabbi,
f'nies b'saħħithom u magħdura biża' u ħasra dejjem trabbi.
Jien ħassejtha f'qalbi tħabbat din il-Mewt ħalliela u kiefra,
rajtha riesqa għal dik l-għażiża, għalkemm żmien minn moħħi msiefra...
u ħassejtha f'qalbi ħarxa f'dawk l-għajnejn jitolbu ħniena,
f'dak il-fomm daħkani w ikħal donnu jgħid: "Kemm intom ħżiena,

---

(1) Il-mard tal-"Cholera" li kien għoddu se' jixgħel fix-xaqliba tal-Lvant tal-Gżira fl-1911 fejn qered xi nies. Din il-marda kienu ġarrewha magħhom dawk il-qtajja' ta' nies maħruba mit-tehdid tan-nar tal-flotta taljana fuq il-Belt ta' Tripli kontra t-Torok.

(2) Wieħed mill-kwadri koroh li l-kittieb ta' dawn il-vrejjes kellu *jiltaqa'* miegħu f'lejla xitwija ġewwa razzett fejn din il-marda kiefra kienet daħlet u ħalliet il-atâr tal-qilla tagħha.

(3) Il-kirda ta' nies li għamlet l-Influenza l-Kbira tal-1918-20.

għandkom qalb tħalluni hawn iżjed f'ħoġor din il-ħalja xiħa...
b'dawk is-swaba' mkemmxa w iebsa hawn fuq sidri tagħfas
sħiħa?"...

.......................................................................................

Iżda jien wisq iżjed kiefra u bla ħniena fl-aħħar rajtha
lill-ħabib tal-qalb f'żgħożitu taħtfu f'daqqa, toqtlu b'ċajta......(1)
Hemm ħassejt id-dinja fiergħa, hemm ħassejt dil-ħajja ċkejkna,
l-għodwiet sbieħ taż-żmien qarrieqa bħax-xewqat tal-qalb imsejkna

.......................................................................................

.......................................................................................

U ftakarna fih fl-imgħoddi wiċċ ħabibna li ħalliena......
"F'din il-ġrajja ta' ħajjitna, fina ftakar, tgħid insiena....
bina joħlom dak ħabibna rieqed hemm fil-lejl ta' dejjem?"
B'dan il-ħsieb nistaqsu l-qlubna, b'dan il-ħsieb fl-imgħoddi mhejjem,
naqsmu l-ajru tal-lejl ħiemed jiena u hi sektin għaddejja
ġewwa raħal mixħut f'raqda jiena u hi li qiegħda ħdejja....

.......................................................................................

F'kantunira ta' trîq dejqa taħt fanal uqafna sewwa,
fewġa riħ minn twejqa dieħla dlonk qajjimtli rasi: hemm ġewwa
bqajna wħudna t-tnejn; minn rokna kienu tħarrku xiħ u xiħa...
sellmu u niżlu: tal-imgħoddi b'ward mitbiel għaddiet ir-riħa...

.......................................................................................

Deh'rli ħlomt: fuq xfar il-għorof mill-ħġieġ safi b'wiċċ daħkani
feġġ il-qamar minn sħab iswed, donnu xtaq bil-ħars jiblagħni,
donnu ried jistaqsi l-qalbi, donnu ried jiflili ħsiebi.........
Dawwart wiċċi "Saħħa" qaltli, wieqfa dehret dell ta' ħbiebi,
dell tal-ġrajja ta' żgħożiti, dell ta' qalbi fil-ġenn tagħha
dik il-mara liebsa l-iswed...u fil-għafsa tal-id magħha
ħadet l-isbaħ ħsieb ta' dari...niżlet, tħalltet mad-dlam fieragħ.
B'għajta ħoxna f'mewġ ta' dija bħall-irjieħ qawwija l-qieraħ
lejl dlonk qasam b'ħarba waħda dak il-ġifen mgħobbi bija......
Ħarist l-ura: dik il-mara liebsa l-iswed fil-waħxija
dlamijiet taż-żmien warrani, oh kif għabet minn għajnejja......
Iżda l-qamar b'wiċċ daħkani, hu biss baqa' jħares lejja.—

* * *

(1) Wara l-biża' u tkexkix ta' mard u mewt f'daqqa ta' nies għeżieża u nies barranin, il-mewt ta' wieħed mill-egħżeż ħbieb għalqet dan il-kwadru ta' ħasra u mrar fit-tifkiriet tal-imgħoddi tal-*kittieb*.

# IL-POËŻIJA TA' NINU CREMONA

(*Jorbot ma' faċċ. 46 tan-Nru. 27*)

Fl-*Ultimæ Nostrarum* Cremona, b'xeħta ċajtiera u bejn daħqa u oħra, jinseġ il-ġrajja ta' l-alfabett Malti, it-tibdil li sar fih, il-ħżuż ġodda li xi wħud riedu jdaħħlu sabiex niesna jkollhom alfabett sħiħ, mibni fuq rêgli tajbin, u mhux b'ħafna tixlif u tagħwiġ kif jiġri meta ma jkunx hemm sisien tajba. Din il-għanja nkitbet għal ħabta li l-Kittieba tal-Malti riedu jwaqqfu alfabett tajjeb darba għal dejjem. F'din it-taqbila l-awtur inqeda b'alfabett li hu ħaseb seta' jimxi fil-Malti. Ħafna mit-tnebbiħiet tiegħu kienu milqugħa, oħrajn le. Nisimgħu lilu n-nifsu jfisser ruħu: B'din il-għanja mqabbla xtaqt nati mudell ta' kitba Maltija mibnija fuq Alfabett Malti magħżul minn Kummissjoni tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti." Dan l-Alfabett kien għad irid igħaddi f'laqgħa ġenerali tal-Kittieba tal-Malti. Il-ġ tbiddlet f'g u l-ū f'w." Dan ifakkarni fil-ħafna ħmerijiet li sikwit jingħadu dwar l-alfabett ta' l-Għaqda: issa jingħad li kien magħmul ħaxlef qaxlef, u bla ħsieb ta' xejn, issa li qalgħu xi ħadd kif deherlu, forsi, (jaħsbu dawn l-uħud) biex iqarrab il-kitba tal-Malti lejn dik tal-Ingliż! Lil dawn l-uħud li jaħsbu hekk ingħarrfuhom li minn dan xejn ma hu minnu, għax l-alfabett inħadem b'ħafna ħsieb u tlaqqigħ ta' fehmiet minn nies il-bogħod minn kull passjoni għamja ta' pulitka li setgħet iġġagħlhom ibiegħu l-prinċipji tagħhom. Issinjuri magħżula mill-kummissjoni biex iwaqqfu dan l-imbierek alfabett kienu Dun Karm Psaila, Ġużè Muscat Azzopardi, Pawlu Bellanti, Ninu Cremona, Ġanni Vassallo, Mons. P. Galea, Mons. P. Cauchi, nies ta' ħila u għaqal f'din ir-rimja ta' studju.

Nerġgħu fejn konna. Il-poeta jilmaħ l-istorja ta' l-alfabett mill-bogħod, u jibda minn l-ixjeħ kittieba tal-Malti:

Dun Ġūann Sultana t'Għaūdex kien għamel l-eūūel ftira.
Tinsab mikula kollha mill-kamla xi tifkira;
... ... ... ... ... ...
... ... ... ... ... ...
Urajh Mikiel Vassalli, għaref bħal dak ta' qabel,
(aħjar minn sieħbu, igħidu) qabad it-tarf tal-ħabel.
U sab il-leħen Malti mibni bħal tal-Quran,
issellef ittri Griegi u l-Poplu sar xitan!
... ... ... .. ... ...
... ... ... ... ... ...
Ma l-għoxrin sena uara, igħidu li ħarġet ħrafa
ta' ktieb b'isem il-ħxejjex miktub minn Stiefnu Zrafa

Ċremona, waqt li jara b'ħasra ta' qalb kemm xeħtiet ta' ortografiji kellu jbiddel "dan l-imċewlaħ il-lsien tagħna," jinfexx igħid:

Kemm se' ddum tiknes ittri biex issib uaħda taqbel
ma nafx, ja Malti safi. Jien għax ma sibtx li naqbel
ma' kemm il-kitba ūrejtek, natik din l-aħħar ūaħda.
Knisthielek mis-suq tagħna, mid-daūl tax-xemx imċaħħda.

Fl-*Ultimæ Nostrarum* wieħed jisma' bħal milja ta' daħq tgelgel bħal ilma minn fuq blata, milja ta' daħq li tiġri minn vers għal vers, id-daħq li ma jistax ma jaqbdekx xħin tara dal-ħafna tibdil ta' alfabett mingħajr ħajja u siwi. U forsi minsuġa ma' dak id-daħq hemm milja oħra ta' biki li ma jinstamax ħlief l'hawn u l'hinn, il-biki li jiġik xħin tara kemm aħna nies baxxi aħna l-Maltin fejn ġnus oħra, aħna li fl-elf disa' mija għadna nibnu u nikinsu l-alfabeti, mingħajr ma nistgħu naslu mkien! Jiswa nfakkar hawn li misem il-poeżija Cremona ħadu minn għand Kwintilljanu, li sejjaħ hekk il-ħażż *x*, dak iż-żmien l-aħħar għelm ta' l-alfabett Latin.

Wara jilħqu tliet sunetti maħdumin tajjeb. Bħala kittieb tas-sunetti ġa nafuh lil Cremona, nitilquhom mela biex niġu għal poeżija raħħalija *"Nofs ta' Kelma"*. Kif igħarrfna l-awtur f'qiegħ il-paġna din il-poeżija "għannietha l-ewwel darba s-sna. Giuseppina Muscat fil-Kunċert Malti mogħti mill-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" fit-teatru Manoel, it-3 ta' Frar, 1923;" b'mużka ta' P. Sammut Inglott. Bħala xogħol letterarju din il-poeżija hi waħda mill-aħjar, deherija, ċara biżżejjed u bla ndewwa ta' kliem tqil; hi tassew l-Għanja ta' l-Għalqa, taqbila ħelwa, miksija b'daqxejn ta' star irqiq ta' dmugħ li jġelben fuq xfar il-għajnejn, għax l-imħabba li titriegħed fiha hi mħabba safja u sħiħa, imma siekta. Nofs ta' kelma biss tarfitlu r-raħħala liż-żagħżugħ raħħal maħbub minnha:

Nofs ta' kelma kont għidtlek, ja sieħbi;
int żammejtha ġô qalbek midfuna.
Għalxejn tħares, tistaqsi xi tfisser;
inħallik sakemm fl-aħħar tinduna.

Kienet nofs ta' kelma żgħira,
wisq il-bogħod mill-baħar tmur,
titla' l-għoli tas-smewwiet,
iżda biha qalbek tfur.

L-aħħar erba' vrus huma mtennija wara kull strofa biex il-ħsebijiet jintrabtu flimkien. Tixbaħ fil-ħass tal-qalb il-għanjiet li jgħannu r-raħlin fil-lejliet sbieħ qamrija, imma fiha taħdem l-id tas-sengħa li torqom il-ħsieb, u toħrot il-kliem żejjed bħal weraq

mejjet minn fuq siġra, biex tqanqil—il-qalb jinħass aktar ċar, aktar sħiħ, u aktar qawwi. Fit-tennija ta' l-aħħar strofa l-aħħar vers mhux bħal ta' qabel. Ma kienx hemm għal fejn ibiddlu, imbagħad kif biddlu ġie inqas sabiħ minn l-ieħor.

Poeżija mhux inqas sabiħa hi *"F'Xatt il-Baħar,"* miktuba fix-xtajta ta' Masalforn, Għawdex, art twelid il-poeta tagħna, tul iż-żmien li hu kien raġa' mar hemm biex igħaddi l-btala tas-sajf. Hemmek għal darba oħra hu lemaħ id-dwejra ta' nannuh fuq dik ir-ras art ta' S. Marija, fejn darba żagħżugħ kien qatta biċċa minn ħajtu. Tifkiriet minsija jerġgħu jqumu f'qalbu: iż-żgħożigħa bla ħsieb, mixgħula bl-għana, bil-ħolm wid-dawl tat-tama qalbenija. U hawn ruħu tħoss l-imrar taż-żmien li jqarraq, li jitfi taħt l-irmied l-isbaħ titjir taż-żgħurija, jifleġ is-saħħa tar-rġulija, u jiksi r-ras b'ħajtiet ta' xgħar abjad abjad qabel il-waqt:

Għadha m'għaddietx fuq dahri
xitwa ta' snin. L-îd bierda, taqqalija
tal-ħsieb bajditli xagħri...
Dal-ħsieb kif tbiel, il-bieraħ kien tarbija.
Bil-kelma ta' żagħżugħ ħierġa minn fommu,
il-lum il-ħolma tiegħek qiegħda żżommu.

Għaliex nixtiequ dejjem
dak li m'għandniex, li ġej, li mar w-inħeba?
Għaliex il-qalb tithejjem
bit-tama ta' kuljum u mingħajr xebgħa
u toħlom b'dak li ġej fil-għodu kmieni,
tokrob fl-għaxija u tgħid: Oh fejn hu żmieni?

Cremona bata ħafna bid-dwejjaq tan-nevrestenija; għalhekk fil-għanjiet tiegħu sikwit naraw lil ruħu issa tilheġ bi qtigħ il-qalb, issa titħabat bejn xaqq dawl ta' tama u ieħor ta' dieqa L-aħħar strofa hi l-għajta li l-bniedem għajjien ilu jislet minn ħxejh sa' minn tulkom ja sekli li rajtu lil Adam jagħżaq ir-raba', u l-Eva tagħżel is-suf. Hi ċ-ċanfira tal-bniedem li jħossu dejjem imqarraq mit-tama, bħal kieku qalbu ma għandha ssib qatt mistrieħ.

*"Fid-Dlam"* fl-ispirtu tal-ħsieb għandha ħafna mill-poeżijiet ingliżi mnebbħin mit-taqtigħa tal-Gwerra l-Kbira. Dil-poeżija Cremona kitibha fi żmien dil-Gwerra, għalkemm taħtha ġġib is-sena 1929. U da l-għaliex meta kitibha ma stampahiex minnufih, imma ħalla ħafna żmien igħaddi. Il-poeżija tinstilet fi tnejn: *Ġewwa l-Belt* u *Barra l-Belt.* Fl-ewwel taqsima, il-poeta jiddeskrivi l-waħx tal-belt mudlama fi żmien il-Gwerra meta ma setgħux jinżammu dwal imħabba l-biża' tal-ajruplani, u meta

ħafna tfal kienu joħorġu ibiegħu l-gazzetti, igħajtu bl-aħħar aħbarijiet tal-Gwerra: tixrid tad-demm, taqtigħ, ir-Riefnu tal-Mewt għaddej qerriedi minn fuq eluf ta' misserijiet u żgħażagħ midruba mħabba l-ħalja regħba tal-Ġermanja.

—"L-aħħar aħbarijiet"—joħorġu jgħajtu
it-tfal fid-dlam... Xi ħadd b'dik l-iħbar f'idu
ifittex xaqq ta' dawl biex jaqra sewwa.........
.......................................................
Mejtin miżrugħa fl-art... nar jati dejjem...
baħar u art xebgħu lin-nies jibilgħu.
Agħjât ta' niket ġos-smewwiet jitlajja.
Din hi l-iħbar li daħlet mal-lejl iswed...
U lilna fid-dlam għalqu biex għajnejna
il-kruha ma jarawx tad-dwejjaq tagħna.

Fit-tieni taqsima l-poeta jsib serħ, u nisi ta' dan il-għawġ kollu fuq bank taħt xi siġra ċkejkna tal-palm "f'thewdin ta' Sebħ u Dawl," il-bogħod mill-għagħa, barra l-belt.

*F'Qalb il-Għelieqi*, misem żewġ sunetti sbieħ, il-poeta ifisser ix-xewqa tiegħu li jgħaddi ħajtu fil-kampanja li Ninu Cremona għadu jħobb u jfittex f'kull jum battal li jkollu mix-xogħol tal-impieg tiegħu :

Żerniq ta' sema ħiemed, tgeġwiġija
ta' mitt għasfur ipespes fuq il-friegħi
tas-siġar malli x-xemx troxx l-ewwel dija :
blat għoli bil-kappar, widien u tliegħi,

fawwara tal-irdum, għerien u qtiegħi
ta' bejn l-ixfar tal-għolja għal fil-għaxija
bl-aħħar ġamriet tax-xemx iħammru; ġmiegħi
ta' ngħaġ telgħin għall-maqjel mill-qasbija.

Setaħ imwennes mill-werżieq; ja dwieli
li tgħattu l-bir mix-xemx, ħitan tal-ġnejna
li għadkom imgħannqin mal-liedna, għaddieli

ħsiebkom minn moħħi l-lum kollkom imżejna
bil-hena tal-għodwiet, ta' nhar, ta' ljieli
li tfal rabbewna u l-lum għalkemm insejna...

Tajjeb ħafna. Hekk għall-inqas Cremona jpatti għal kull meta fellaq u għotor.

(*Jissokta*)

ĠUŻÊ AQUILINA.

# TAGĦRIF

Bagħtulna nħabbru :

Fl-4 ta' Ġunju, xi żgħażagħ iltaqgħu bil-ħsieb li jwaqqfu Għaqda Letterarja Maltija. Il-ħsieb ta' din il-għaqda huwa dak li timxi fuq il-passi ta' l-Għaqdiet ta' qabilha jiġifieri :

(i) Li tmexxi l-quddiem il-Malti, billi tatih letteratura nadifa w miktuba b'ortografija tajba.

(ii) L-ebda ħsieb ieħor m'huwa fil-fehma ta' din l-Għaqda

(iii) L-ortografija tagħha tkun dik tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

L-Għaqda tixtieq ħafna li dawk iż-żgħażagħ kollha, li għandom għal qalbhom il-mixi l-quddiem tal-Lsien Malti, jingħaqdu magħha biex jaħdmu flimkien għar-rebħa tal-ħsieb li għalih ġiet imwaqqfa.

L-Għaqda tilqa' bil-qalb iż-żgħażagħ kollha, ta' kull lewn u ta' kull qatgħa, li jaqblu mal-ħsieb tagħha.

Min irid jieħu sehem, jikteb malajr lis-Segretarju s-sur W. Gouder, 14, Vicolo Scozzese, Bormla.

Il-Kumitat *Provviżorju* ġie mwaqqaf hekk :

| | |
|---|---|
| *President* | E. Darmanin |
| *Segretarju* | W. Gouder |
| *Kaxxier* | Ġ. Chetcuti |
| *Membri* | S. Gatt, N. Biancardi, Art. Vassallo. |

E. Darmanin,
*President.*

W. Gouder,
*Segretarju.*

Fraħna biha dil-Għaqda ġdida li twaqqfet bejn żgħażagħ magħrufin għall-ħeġġa ta' mħabba lejn il-Malti. Nixtequlhom għomor twil. Iżda biex ikun hemm il-qawwa jaħtieġ li jkun hemm rabta bejn l-għaqdiet kollha, jiġifieri, li wieħed igħin u jmexxi x-xogħol kollu li jsir għal Malti.

# KOTBA LI BAGĦTULNA

*Melita Agricola.* Ġunju 1933, mibgħut mis-sur C. R. Zammit, B.Sc., student l-Università. Naħseb li ma baqâx min ma jafx bih dan il-ktieb li joħroġ kull xahar, mitbugħ mill Gvern, bit-tħabrik tal-Ministru tal-Biedja u tas-Sajd, għat-tagħlim tal-bdiewa. Miktub mill-aħjar nies li jifhmu f'xogħol il-bidwi. Fuq kollox miktub b'ortografja tajba li taqbel ma' tagħna barra minn xi ħwejjeġ, imma r-regoli huma tajbin. Fost il-kittieba nsemmu l-istudent C. R. Zammit li kiteb fuq il-Fungu ta' Malta jew Għerq il-Ġeneral.

Kotba oħra li bagħtulna:

*The Journal of the Malta University Literary Society, No.* 6 fih kitbiet fuq il-Malti, mis-Sur S. Cremona u T. Paris.

*La Brigata*

*The Teacher No. 111*

L-imseħbin, li jieħdu *Leħen il-Malti* minn għand ir-raġel mibgħut minna, mitlubin iħallsu lilu l-ħlas li għandhom jatu.

**ABBONAMENT**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.